Kunsill Lokali
Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**IT-TMIEN KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 33- L-Erbgħa 2 ta' Frar 2022**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficju tal-Kunsill Lokali Għajnsielem nhar l-Erbgħa 2 ta' Frar f'nofsinhar.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti** | Kevin Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Teddy Saliba | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

**33.1 Talba**

**33.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

33.2.1 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

**33.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija**

33.3.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 33.4 Applikazzjoni għal Outdoor Ground Fixed Percussion Exhibits

33.4.1 Is-Sindku Kevin Cauchi spjega kif huwa sejjaħ laqgħa b'urġenza wara li ħarġet skema mill-Ministeru tal-Ugwaljanza, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-Outdoor Ground Fixed Percussions biex jitpoġġew f'xi spazju pubbliku fil-lokalita'. Is-Sindku spjega kif fid-dawl li ser jinbeda' l-proġett tal-Għajnsielem Learning Garden li huwa bbażat fuq l-inklużjoni, ikun ideali li napplikaw għal sett ta' percussion exhibits li għandu jitpoġġa f'dan il-post biex b'hekk inkunu qed nissodisfaw il-kriterji mitluba minn dan il-proġett ambizzjuż. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta u li l-applikazzjoni għandha tintbgħat kemm jista jkun malajr peress li hija fuq bażi ta' first come first served.

## 33.8 Problema tad-dawl fil-lokal

33.8.1 Is-Sindku rrefera ghal fatt li wara l-kumment li għamel fuq il-paġna tiegħu ta' facebook dwar il-problemi kbar ta' nuqqas ta' saħħa fid-dawl, seħħew żviluppi serji u wara li saru diversi nterventi saħansitra anke mill-Ministru Miriam Dalli, immedjatament inbdew ix-xogħolijiet meħtiega nfrastrutturali biex b'hekk għadd kbir ta' residenzi f'Għajnsielem jkunu moqdija u jkollhom id-dawl b'saħħtu kif meħtieġ.

33.8.2 Huwa spjega kif il-pjan tal-Enemalta huwa li ser issir trinka fi Triq Wied ir-Rgħajjes biex tissuplixxi l-madwar u anke permezz ta' arbli lejn Pjazza Tolfa. Ser isir intervent ieħor fi Triq il-Ġnien lejn Triq l-Imġarr u wkoll ser issir trinka li ilha pjanata minn Triq Ħamri għal Triq Sant'Antnin.

33.8.3 B'hekk permezz ta' dan il-pjan ħolistiku l-problema ta' dawl baxx f'Għajnsielem għandha tissolva sostanzjalment.

## 33.9 Stima ta' rtirar ta' ħajt fi Triq Wied ir-Rgħajjes

33.9.1 Is-Sindku rrefera għad-deċiżjoni li kienet ittieħdet mill-Kunsill sabiex fuq approvazzjoni tas-sid l-għalqa, ħajt li

jinsab iperper waħdu u perikoluż fi Triq Wied ir-Rgħajjes, jitwaqqa' u tintradam din il-parti tat-triq biex b'hekk jitneħħa l-periklu u wkoll titwessa' t-triq. Għal dan il-għan ġbarna stima mingħand Mark Attard għall-prezz ta' €2500 li tinkludi t-twaqqigħ tal-ħajt u l-pedamenti. Il-Kunsill qabel li għandna mmexxu ma' din l-istima u li x-xogħol isir kemm jista jkun malajr minħabba l-periklu li jeżisti.

## 33.10 Tiżjin San Valentinu

33.10.1 Is-Sindku għamel referenza għat-tiżjin li qed isir mill-ħaddiem tal-Kunsill Josef Camilleri sabiex għal festa ta' San Valentinu nżejnu l-ġnien ta' quddiem il-Kunsill. Is-Sindku rrefera għal konsultazzjoni li kellu mal-artist George James Cutajar Zahra dwar il-possibilita' li jipprovdilna attrazzjoni speċjali. Dan issuggerixxa li jpitter qalb kbira b'anġlu, biċċa xogħol professjonali li żgur ser isservi ta' attrazzjoni oħra għall-long weekend ta' Jum San Valentinu. Il-prezz tax-xogħol u pittura ser jammonta għal €1450. Is-Sindku spjega kif għal dawn l-ispejjes saret applikazzjoni mal-Cultural Fund tal-Ministeru għal Għawdex. Il-Kunsill qabel li għandna nipproċedu b'din l-attivita'.

## 33.11 Approvazzjoni tal-Pagamenti

33.11.1 Ġiet preżentata l-iskema tal-pagamenti u ġew approvati.

33.11.2 Ġie approvat ukoll it-tielet kont provdut mill-kuntrattur Mark Attard għall-proġett ta' Pjazza Tolfa. Il-kont ġie ċċertifikat mill-perit tal-proġett u għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jipproċessa l-pagament tiegħu.

## 33.12 Materji oħra

33.12.1 Is-Sindku preżenta l-pjanta tas-siġar għall-proġett ta' Pjazza Tolfa fuq parir provdut mis-Sur Joseph Bonello. Is-Sindku spjega kif inġabru stimi mingħand diversi suppliers u ser jitqassam ix-xogħol skond l-isbaħ siġar provduti. Sar qbil ukoll li għandna ninkludu fost l-oħrajn is-siġra tal-ħarruba.

33.12.2 Is-Segretarja spjegat kif bħala servizz kuntrattwali għaż-żamma ta' Bethlehem, is-servizz ser jiġi provdut mis-Sur Charles Muscat li kien applika wkoll għall-animal steward

għall-istess post u jidher li huwa persuna dedikata ħafna. Dan is-servizz ser jitħallas mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fuq kuntratt ta' sitt xhur.

## 33.13 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

33.13.1 Il-laqgħa ntemmet fis-1:00pm u ġiet aġġornata mingħajr data.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**